

31997L0020

16.5.1997

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 125/21

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 97/20/KE**tat-18 ta' April 1997****li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 72/306/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardjaw il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu minn makni li jaħdmu bid-diesel għall-użu f'vetturi****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Artikolu 1

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/306/KEE tat-2 ta' Awwis 1972 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardjaw il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu minn makni li jaħdmu bid-diesel għall-użu fil-vetturi ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 89/491/KE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

Id-Direttiva 72/306/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, 'vettura' tfisser kwalunkwe vettura b'makna diesel maħsuba għall-użu fit-triq, bil-karozzerija jew mingħajrha, li għandha minn ta' lanqas erba' roti u veloċità massima ddisinjata li teċċedi l-25 kilometru fis-siegħa, bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jiġru fuq il-linji, tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija, u kull makkinarju ieħor mobbli.;"

2. fl-Artikolu 2, "l-Annessi I, II, III, IV u VI" huma sostitwiti bi 'il-ħtiġiet ta' l-Annessi rilevanti ta' din id-Direttiva';

3. fl-Artikolu 3, "il-punt 2.2" huwa sostitwit bi "il-punt 1.1";

4. l-Annessi huma emendati b'konformità mal-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

B'effett mill-1 ta' Ottubru 1997, l-Istati Membri:

— m'għandhomx aktar jagħtu l-approvazzjoni tat-tip KE skond l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 70/156/KEE, u

— jistgħu jirrifjutaw l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali,

għal tip ġdid ta' vettura għal raġunijiet marbuta mal-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu minn makni jaħdmu bid-diesel jekk din ma tonqos li tikkonforma mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 72/306/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

Din id-Direttiva m'għandhiex tinvalida xi approvazzjoni li kienet ingħatat qabel skond id-Direttiva 72/306/KEE u lanqas m'għandha tipprevjeni l-estensjoni ta' approvazzjonijiet bħal dawn taħt il-kondizzjonijiet tad-Direttiva li taħtha oriġinalment dawn kienu ġew mogħtija.

Billi d-Direttiva 72/306/KEE hija waħda mid-direttivi separati fil-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE stabbilita bid-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ⁽³⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 96/79/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ⁽⁴⁾; billi, għalhekk, id-disposizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 70/156/KEE li jirrigwardjaw is-sistemi ta' vetturi, komponenti u unitajiet tekniċi separati japplikaw għad-Direttiva 72/306/KEE;

Billi, partikolarment, permezz ta' l-Artikoli 3(4) u 4 (3) tad-Direttiva 70/156/KEE, huwa meħtieġ li kull direttiva separata jkollha mehmuża magħha dokument ta' informazzjoni li jinkorpora l-punti rilevanti ta' l-Anness I tad-Direttiva 70/156/KEE kif ukoll iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip ibbażat fuq l-Anness VI tad-Direttiva 70/156/KEE biex l-approvazzjoni tat-tip tista' tkun ikkompjuterizzata;

Billi dawn l-emendi għandhom x'jaqsmu biss mad-disposizzjonijiet amministrattivi li hemm fid-Direttiva 72/306/KEE; billi għalhekk mhuwiex meħtieġ li jkunu invalidati l-approvazzjonijiet eżistenti skond tad-Direttiva 72/306/KEE u lanqas li ma tħallix li jsiru ir-reġistrazzjoni, il-bejgħ u d-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda koperti b'dawn l-approvazzjonijiet;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Adattament għall-Progress Tekniku stabbilit bid-Direttiva 70/156/KEE,

⁽¹⁾ ĠU Nru L 190, ta' l-20.8.1972, p. 1.⁽²⁾ ĠU Nru L 238, tal-15.8.1989, p. 43.⁽³⁾ ĠU Nru L 42, tat-23.2.1970, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU Nru L 18, tal-21.1.1997, p. 7.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sat-30 ta' Settembru 1997. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-testi tad-disposizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' April 1997.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membri tal-Kummissjoni

L-ANNESS

EMENDI GĦALL-ANNESS TAD-DIRETTIVA 72/306/KEE

1. Lista ta' l-Annessi li għandha tidħol bejn l-Artikoli u l-Anness I li għandha tinqara kif ġej:

"LISTA TA' L-ANNESSI

L-Anness I: Definizzjonijiet, l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE, l-għoti ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE, is-simbolu tal-koeffiċjenti ta' l-assorbiment korreġut, speċifikazzjonijiet u testijiet, modifiki tat-tip, il-konformità tal-produzzjoni

Appendiċi 1: Dokument ta' informazzjoni

Appendiċi 2: Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip

L-Anness II: Eżempju tas-simbolu tal-koeffiċjenti ta' l-assorbiment korreġut

L-Anness III: Test waqt veloċitajiet kostanti li jkopru l-kurva tat-tagħbija sħiħa

L-Anness IV: Test waqt aċċelerazzjoni libera

L-Anness V: Karatteristiċi tekniċi tal-karburant ta' referenza

L-Anness VI: Valuri tal-limitu applikabbli fit-test f'veloċitajiet kostanti

L-Anness VII: Il-karatteristiċi ta' l-*opacimeters*

L-Anness VIII: L-istallazzjoni u l-użu ta' l-*opacimeter*."

L-ANNESS 1

2. L-ittra ta' l-indiċi 'a' fit-titolu u n-nota ta' qiegħ il-paġna ta' dan għandhom jitħassru.

3. It-titolu għandu jinqara kif ġej:

"DEFINIZZJONIJIET, L-APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE, L-GĦOTI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE, IS-SIMBOLU TAL-KOEFFIĠJENZA TA' L-ASSORBITMENT KORREĠUT, SPEĠFIKAZZJONIJIET U TESTIJET, MODIFIKI TAT-TIP, IL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI".

4. Il-punt 2 isir il-punt 1.

5. Il-punti 2.2 sa 2.5 isiru l-punti 1.1 sa 1.4.

6. Fil-punt 1.1 (li qabel kien il-punt 2.2):

"L-Anness II" jiġi sostitwit bl- "Appendiċi 1".

7. Il-punt 3 isir il-punt 2.

8. Il-punt 3.1 isir il-punt 2.1 u jaqra kif ġej:

"2.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE għal tip ta' vettura fir-rigward ta' l-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu minn makni diesel għandha tkun sottomessa mill-manifattur".

9. Il-punt 3.2 isir il-punt 2.2 u jaqra kif ġej:

"2.2. Mudell tad-dokument ta' informazzjoni qed jingħata fl-Appendiċi 1."

10. Il-punti 3.2.1. u 3.2.2. huma mħassra.

11. Fil-punt 3.3:

— il-punt 3.3 isir il-punt 2.3.

— "l-AnnessII tar-Regolament" huwa sostitwit bl- "Appendiċi 1".

12. Il-punt 3a isir il-punt 3 u jaqra kif ġej:

“3. L-GĦOTI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

3.1. Jekk il-ħtiġiet rilevanti jkunu sodisfatti, l-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 4(3), u jekk japplika, l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/156/KEE għandha tingħata.

3.2. Mudell taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE jidher fl-Appendiċi 2.’

3.3. Numru ta' l-approvazzjoni skond l-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE għandu jkun assenjat għal kull tip ta' vettura approvata. L-istess Stat Membru m'għandux jagħti l-istess numru għal tip ieħor ta' vettura.”

13. Il-punti 4.4 sa 4.6 isiru l-punti 4.1 sa 4.3.

14. Fil-punt 4.1 (li qabel kien il-punt 4.4):

“L-Anness għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip muri fl-Anness X” huwa sostitwit bi “Addendum għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip muri fl-Appendiċi 2”.

15. Fil-punt 4.3 (li qabel kien il-punt 4.6):

“L-Anness IX” huwa sostitwit bi “L-Anness II”.

16. Il-punt 6 jaqra kif ġej:

“6. MODIFIKI GĦAT-TIP U EMENDI GĦALL-APPROVAZZJONIJIET

6.1. Fil-każ li jkun hemm xi modifiki tat-tip approvat skond din id-Direttiva, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE għandhom ikunu applikabbli.”

17. Il-punt 7.1 jaqra kif ġej:

“7.1. Il-miżuri biex jassiguraw il-konformità tal-produzzjoni għandhom jiġu adottati skond id-disposizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.”

18. Il-punt 7.3 isir il-punt 7.2 u jaqra kif ġej:

“7.2. Partikolarment, il-konformità tal-vettura mat-tip approvat f'dak li jikkonċerna l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu minn makni li jaħdmu bid-diesel għandha tkun i-verifikata fuq il-bażi tar-riżultati elenkati fl-Addendum għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip muri fl-Appendiċi 2. Apparti minnhekk:”

19. Il-punti 7.3.1, 7.3.1.1 u 7.3.1.2 isiru l-punti 7.2.1, 7.2.1.1 u 7.2.1.2.

20. Il-punt 7.2.1.2 (li qabel kien il-punt 7.3.1.2):

— fil-verżjoni Ingliża: “7.3.1.” huwa sostitwit bi “7.2.1.1.”

— fil-verżjonijiet l-oħra: “7.3.1.1” huwa sostitwit bi “7.2.1.1.”

21. Il-punti 8 u 9 huma mħassra.

22. L-Appendiċi 1 u 2 li ġejjin huma miżjuda biex jaqraw hekk:

“Appendiċi 1

DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI Nru...

skond l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE (*)li tikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vettura f'dak li għandu xjaqsam mal-miżuri li għandhom jittieħdu għal kontra l-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu minn makni li jaħdmu bid-diesel

(Id-Direttiva 72/306/KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva.../.../KE)

L-informazzjoni li ġejja, jekk tkun applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinji għandhom jingħataw fi skala adatta u f'dettal suffiċjenti fuq karti ta' qies A4 jew ġo folder ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettal suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew il-unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

(*) In-numri tal-punti u tal-postilli wżati f'dan id-dokument ta' l-informazzjoni jikkorrispondu għal dawk stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 70/156/KEE. Il-punti li mhumiex rilevanti għall-iskop ta' din id-Direttiva tħallew barra.

0.	ĠENERALI	
0.1.	Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):.....	
0.2.	Tip u deskrizzjoni(jiet) kummerċjali ġenerali:.....	
0.3.	Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura ⁽⁶⁾ :.....	
0.3.1.	Il-lok ta' dak l-immarkar:.....	
0.4.	Il-kategorija tal-vettura ⁽⁶⁾ :.....	
0.5.	L-isem u l-indirizz tal-manifattur:.....	
0.8.	L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:.....	
1.	KARATTERISTIĊI ĠENERALI DWAR L-ISTRUTTURA TAL-VETTURA	
1.1.	Ritratti u/jew disinji ta' vettura rappreżentattiva:.....	
3.	L-IMPJANT TAL-QAWWA ⁽⁹⁾	
3.1.	Manifattur:.....	
3.1.1.	Il-kodiċi tal-makna mill-manifattur (kif immarkat fuq il-makna, jew mezz ieħor ta' identifikazzjoni):	
3.2.1.1.	Il-prinċipju tat-tħaddim: <i>positive ignition/compression ignition, four stroke/two stroke</i> ⁽¹⁾	
3.2.1.2.	In-numru u l-arranġamenti taċ-ċilindri:.....	
3.2.1.2.1.	Bore (r):..... mm	
3.2.1.2.2.	Stroke (r):.....mm	
3.2.1.2.3.	Ordni tal-kombustjoni:.....	
3.2.1.3.	Kapaċità(s) tal-makna:..... ^{cm³}	
3.2.1.4.	Ir-relattività tal-kompresjoni volumetrika ⁽²⁾ :.....	
3.2.1.5.	Disinji tal-kompartiment tal-kombustjoni, <i>piston crown</i> u, <i>fil-każ ta' makni positive ignition</i> , il- <i>piston rings</i> :	
3.2.1.6.	Il-veloċità ta' stennija ⁽²⁾ :..... min ⁻¹	
3.2.1.8.	Il-qawwa massima netta ⁽¹⁾ :..... kW f..... min ⁻¹ (il-valur iddikjarat mill-manifattur)	
3.2.1.9.	Il-veloċità massima awtorizzata tal-makna kif preskritta mill-manifattur:..... min ⁻¹	
3.2.4.	Il-forniment tal-karburanti	
3.2.4.2.	B'injezzjoni tal-karburanti (<i>compression ignition</i> biss): iva/le ⁽¹⁾	
3.2.4.2.1.	Deskrizzjoni tas-sistema:.....	
3.2.4.2.2.	Il-prinċipju ta' l-operat: injezzjoni diretta/qabel il-kompartiment/il-kompartiment tad-tidwir ta' l-ilma ⁽¹⁾	
3.2.4.2.3.	Il-pompa ta' l-injezzjoni	
3.2.4.2.3.1.	Għamla(iet):.....	
3.2.4.2.3.2.	Tip(i):.....	
3.2.4.2.3.3.	Il-forniment massimu tal-karburanti ⁽¹⁾ ⁽²⁾ :.. mm ³ /stroke jew ċiklu b'veloċità tal-pompa ta':.. min ⁻¹ jew, alternattivament, id-disinn karatteristiku:.....	
3.2.4.2.3.4.	Il-kontroll tal-ħin ta' l-injezzjoni ⁽²⁾ :.....	
3.2.4.2.3.5.	Il-kurva avvanzata ta' l-injezzjoni ⁽²⁾ :.....	
3.2.4.2.3.6.	Il-proċedura tal-kalibrar: bank tat-test/makna ⁽¹⁾	
3.2.4.2.4.	Regolatur	
3.2.4.2.4.1.	Tip:.....	
3.2.4.2.4.2.	Il-punt tal-waqfien	
3.2.4.2.4.2.1.	Il-punt tal-waqfien taħt il-kondizzjonijiet ta' tagħbija:..... min ⁻¹	
3.2.4.2.4.2.2.	Il-punt tal-waqfien taħt kondizzjonijiet mingħajr tagħbija:.....min ⁻¹	
3.2.4.2.5.	Is-sistema ta' pajpijiet ta' l-injezzjoni	

3.2.4.2.5.1.	Tul:.....	mm
3.2.4.2.5.2.	Dijametru intern:.....	mm
3.2.4.2.6.	Injettur(i)	
3.2.4.2.6.1.	Għamla(iet):.....	
3.2.4.2.6.2.	Tip(i):.....	
3.2.4.2.6.3.	Pressjoni tal-ftuħ (?):.....	kPa jew disinn karatteristiku (?):.....
3.2.4.2.7.	Is-sistema ta' bidu kiesaħ	
3.2.4.2.7.1.	Għamla(iet):.....	
3.2.4.2.7.2.	Tip(i):.....	
3.2.4.2.7.3.	Deskrizzjoni:.....	
3.2.4.2.9.	L-unità ta' kontroll elettroniku	
3.2.4.2.9.1.	Għamla(iet):.....	
3.2.4.2.9.2.	Deskrizzjoni tas-sistema:.....	
3.2.4.4.	Il-pompa tal-forniment	
3.2.4.4.1.	Pressjoni (?):.....	kPa jew disinn karatteristiku (?):.....
3.2.7.	Is-sistema ta' tkessieħ (likwidu/arja) (1)	
3.2.8.	Is-sistema tad-dhul	
3.2.8.1.	Iċ- <i>charger</i> tal-pressjoni: iva/le (1)	
3.2.8.1.1.	Għamla(iet):.....	
3.2.8.1.2.	Tip(i):.....	
3.2.8.1.3.	Deskrizzjoni tas-sistema (e.g. pressjoni ta' <i>charge</i> massima:..... Pa, <i>wastegate</i> jekk tapplika):.....	
3.2.8.2.	<i>Intercooler</i> : iva/le (1)	
3.2.8.3.	Depressjoni tad-dħul fil-veloċità stmata tal-makna u b'tagħbija ta' 100 %	
	il-minimu permissibbli:.....	kPa
	il-massimu permissibbli:.....	kPa
3.2.8.4.	Deskrizzjoni u disinji tal-pajpijiet tributarji u l-aċċessorji tagħhom (il-kabina tal- <i>plenum</i> , it-tagħmir tas-sħana, dħul addizzjonali ta' l-arja, eċċ.):.....	
3.2.8.4.1.	Deskrizzjoni tal- <i>manifold</i> tad-dħul (inklużi d-disinji u/jew ritratti):.....	
3.2.8.4.2.	Il-filtru ta' l-arja, disinji:.....	, jew
3.2.8.4.2.1.	Għamla(iet):.....	
3.2.8.4.2.2.	Tip(i):.....	
3.2.8.4.3.	Is- <i>silencer</i> tad-dħul, disinji:.....	jew
3.2.8.4.3.1.	Għamla(iet):.....	
3.2.8.4.3.2.	Tip(i):.....	
3.2.9.	Is-sistema ta' l- <i>exhaust</i>	
3.2.9.1.	Deskrizzjoni u/jew disinn tat-tubi ta' l- <i>exhaust</i> :.....	
3.2.9.2.	Deskrizzjoni u/jew disinn tas-sistema ta' l- <i>exhaust</i> :.....	
3.2.9.3.	Il-kontrapressjoni massima ta' l- <i>exhaust</i> permissibbli fil-veloċità stmata tal-makna u b'tagħbija ta' 100 %:.....	kPa
3.2.10.	Żoni sezzjonali minimi tal-portijiet tad-dħul u tal-ħruġ:.....	
3.2.11.	It- <i>timing</i> tal-valvola jew tagħrif ekwivalenti	
3.2.11.1.	L-irfiġh 'il fuq massimu tal-volvoli, l-angoli tal-ftuħ u l-għeluq, jew dettalji dwar it- <i>timing</i> ta' sistemi ta' distribuzzjoni alternattivi, f'relazzjoni maċ-ċentri mejta:.....	
3.2.11.2.	Referenza u/jew sensiela ta' aġġustamenti (1):.....	
3.2.12.	Miżuri meħuda kontra it-tniġġis ta' l-arja	
3.2.12.2.	Mezzi addizzjonali għal kontra t-tniġġis (jekk ikun hemm, u jekk ikunx kopert b'intestatura oħra)	
3.2.12.2.1.	<i>Catalytic converter</i> : iva/le (1)	
3.2.12.2.1.1.	In-numru tal- <i>catalytic converters</i> u l-elementi:.....	

3.2.12.2.1.2.	Qisien, għamla u volum tal- <i>catalytic converter(s)</i> :.....
3.2.12.2.1.3.	Tip ta' l-azzjoni katalitika:.....
3.2.12.2.1.4.	Iċ-charge totali tal-metalli prezzjużi:.....
3.2.12.2.1.5.	Konċentrazzjoni relattiva:.....
3.2.12.2.1.6.	Substrat (struttura u materjal):.....
3.2.12.2.1.7.	Id-densità taċ-ċellola:.....
3.2.12.2.1.8.	It-tip ta' casing għal <i>catalytic converter(s)</i> :.....
3.2.12.2.1.9.	Il-lok tal- <i>catalytic converter(s)</i> (il-post u d-distanza ta' referenza fil-linja ta' l- <i>exhaust</i>):
3.2.12.2.4.	Ir-riċirkolazzjoni tal-gass ta' l- <i>exhaust</i> : iva/le ⁽¹⁾
3.2.12.2.4.1.	Karatteristiċi (ir-rata taċ-ċirkulazzjoni, eċċ.):.....
3.2.12.2.6.	<i>Particulate trap</i> : iva/le ⁽¹⁾
3.2.12.2.6.1.	Qisien, għamla u kapaċità tal- <i>particulate trap</i> :.....
3.2.12.2.6.2.	Tip u disinn tal- <i>particulate trap</i> :.....
3.2.12.2.6.3.	Il-lok (id-distanza ta' referenza fil-linja ta' l- <i>exhaust</i>):.....
3.2.12.2.6.4.	Il-metodu jew is-sistema ta' riġenerazzjoni, deskrizzjoni u/jew disinn:.....

3.2.12.2.7.	Sistemi oħrajn (deskrizzjoni u l-operat):.....
3.2.13.	Il-lok tas-simbolu tal-koeffiċjenti ta' l-assorbiment (makni tat-tip <i>compression ignition</i> biss):

4.	TRASMISSJONI (V)
4.3.	Il-mument ta' l-inerzja tar-rota volanti tal-makna:.....
4.3.1.	Mument addizzjonali ta' l-inerzja mingħajr l-ebda <i>gear</i> applikat:.....

	(Data, file)

⁽¹⁾ Ħassar fejn ma japplikax.

⁽²⁾ Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex rilevanti għad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: '?' (e.ż. ABċ??123??).

Addendum għall-Appendiċi 1

INFORMAZZJONI DWAR IL-KONDIZZJONIJIET TAT-TEST

1. LUBRIKANT UŻAT
 - 1.1. Għamla:.....
 - 1.2. Tip:.....
- (iddikjara l-perċentaġġ ta' żejt fit-taħlita jekk il-lubrikant u l-karburant huma mħallta)

2. IL-PRESTAZZJONI TAL-MAKNA

- 2.1. Il-qawwa fis-sitt punti ta' kejl imsemmija fil-punt 2.1 ta' l-Anness III:.....
- 2.1.1. Il-qawwa tal-makna mkejla fuq il-bank tat-test:.....
- 2.1.2. Il-qawwa mkejla fuq ir-roti tal-vettura:.....

Il-Veloċità tal-makna (min ⁻¹)	Il-Qawwa mkejla (kW)
1.
2.
3.
4.
5.
6.

 Appendiċi 2

MUDELL

(format massimu: A4 (210 × 297 mm))

IĊ-ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

It-timbru ta' l amministrazzjoni.

Komunikazzjoni li tikkonċerna l-:

- l-approvazzjoni tat-tip (¹)
- estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip (¹),
- ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip (¹),
- l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip (¹)

 ta' tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata (¹) fir-rigward tad-Direttiva.../.../KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva.../.../KE

Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip:.....

Raġuni għall-estensjoni:

SEZZJONI I

- 0.1. Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur):
- 0.2. Tip u deskrizzjoni(jiet) kummerċjali ġenerali:

- 0.3. Mezz ta' identifikazzjoni ta' l-għamla, jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata ⁽¹⁾ ⁽²⁾:.
.....
- 0.3.1. Lok ta' dak l-immarkar:
- 0.4. Il-kategorija tal-vettura ⁽¹⁾ ⁽³⁾:
- 0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:
- 0.7. Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twawhħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tal- KE:
- 0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:

SEZZJONI II

1. Informazzjoni addizzjonali (meta applikabbli): ara l-Addendum
2. Is-servizz tekniku responsabbli mit-tweġġiet tat-testijiet:
3. Id-data tar-rapport tat-test:
4. In-numru tar-rapport tat-test:
5. Rimarki (jekk hemm): ara l-Addendum
6. Post:
7. Data:
8. Firma:
9. L-indiċi għall-pakkett ta' l-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa meħmuż.

⁽¹⁾ Ħassar fejn ma japplikax.

⁽²⁾ Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex relevanti għad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: '?' (e.ż. ABC??123??).

⁽³⁾ Kif definit fl-Anness II A tad-Direttiva 70/156/KEE.

Addendum għaċ-Ċertifikat ta' Approvazzjoni tat-tip tal-KE Nru...

li jikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tad-Direttiva 72/306/KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva.../.../KE)

1. Informazzjoni addizzjonali
- 1.1. Impjant tal-qawwa
- 1.1.1. Il-kodiċi tal-makna mogħtija mill-manifattur (kif immarkat fuq il-makna, jew meżżi oħra ta' l-identifikazzjoni):

- 1.2. Ir-riżultati tat-test
 1.2.1. B'veloċitajiet kostanti:

Il-veloċità tal-makna (min ⁻¹)	Iċ-ċirkulazzjoni nominali G (litri/sekonda)	Il-valuri ta' l-assorbiment tal-limitu (m ⁻¹)	Il-valuri ta' l-assorbiment mkejla (m ⁻¹)
1.
2.
3.
4.
5.
6.

- 1.2.2. Waqt aċċelerazzjoni libera
 1.2.2.1. Il-valur imkejjel tal-koeffiċjent ta' l-assorbiment: m⁻¹
 1.2.2.2. Il-valur tal-koeffiċjent ta' l-assorbiment korreġut:m⁻¹
 1.2.2.3. Il-lok tas-simbolu tal-koeffiċjent ta' l-assorbiment fuq il-vettura:

 5. Rimarki:”

L-ANNEX II

23. L-Anness II huwa mħassar.

L-ANNEX III

24. Il-punt 3.1.2:
 “L-Anness II” huwa sostitwit bi “L-Appendiċi 1 għall-Anness I”.
 25. Il-punt 3.1.3:
 “L-Anness II” huwa sostitwit bi “L-Appendiċi 1 għall-Anness I”.

L-ANNEX V

26. Fit-tabella, il-valur ta' limitu għal kontenut ta' kubrit għandu jaqra kif ġej:
 “massimu 0,05 % bil-massa.”

L-ANNEX IX

27. L-Anness IX jsir l-Anness II.

L-ANNEX X

28. L-Anness X huwa mħassar.
-